MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1136/2003

**Allied Insurance Agency Limited**

**Vs**

**Emmanuel Cachia u b'digriet tas-16 ta Jannar 2004 it-Tribunal ordna t-trasfuzjoni tal-gudizzju tal-konvenut f'isem Rita Cachia**

**It-Tribunal**,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta Gunju 2003 fejn is-socjeta attrici qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat jhallasha s-somma ta erba mija u disgha u sittin lira tlieta u ghoxrin centezmu (Lm469.23) rapprezentanti l-bilanc dovut ghal premia fuq poloz ta assikurazzjoni mahruga mis-socjeta attrici fuq inkarigu tal-istess konvenut.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-hrug tal-fatturi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-atti tal-kawza gew trasfuzi f'isem Rita Cachia in vista tal-mewt tal-istess konvenut u dana in forza tad-digriet moghti fis-seduta tas-16 ta Jannar 2004;

Ra r-risposta tal-konvenuta Rita Cachia fejn ikkontestat it-talba attrici in vista tas-segwenti cioe (a) in-nullita tat-trasfuzjoni tal-gudizzju stante li hija semplicement accettat il-bandu u qatt ma giet kjamata in kawza (b) in-nullita ta dawn il-proceduri stante li gew intavolati zmien wara l-mewt ta Emmanuel Cachia u (c) ebda ammont ma hu dovut stante hlas da parti ta terzi oltre l-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna ai termini tal-artikolu 2148 (a).

Ra l-provi mressqa u d-dokumenti esebiti.

Ra n-nota ta sottomissjonijiet prezentati mill-kontendenti;

Ikkunsidra;

Illi skond ic-certifikat tal-mewt ta Emmanuel Cachia esebit a fol 22 tal-process ghandu jirrizulta li l-konvenut miet nhar is-6 ta April 2000 u cioe ghalhekk fil-mument tal-prezentata tal-kawza odjerna fil-5 ta Gunju 2003, huwa kien gia ilu mejjet aktar minn tliet snin.

Illi jigi rilevat li l-procedura tat-trasfuzjoni tal-gudizzju hija ntiza sabiex il-kawza tissokta fuq minn min ikun interessat wara li xi parti f'dik il-kawza tkun mietet pendente lite. Illi ghalkemm il-process tat-trasfuzjoni li saret f'din il-kawza kien legalment korrett u kwindi mart il-konvenut ghandha tigi meqjusa bhala li dahlet fiz-zarbun ta zewgha, (u cioe mhux kaz ta kjamat in kawza li si tratta ta Istitut ghal kollox differenti), tali process pero b'ebda mod ma jista jitqies li ssana sitwazzjoni fejn kawza giet intavolata kontra bniedem gia mejjet.

Ghal dawn il-mottivi, it-Tribunal qed jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta pero qed jilqa t-tieni eccezzjoni sollevata minnha u tiddikjara li l-proceduri odjerni huma nulli stante li gew intavolati kontra persuna mejta u kwindi ghalhekk tichad it-talbiet tas-

socjeta attrici bl-ispejjes ta dina l-istanza ghandhom fic-cirkostanzi partikolari jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------